32005D0435

14.6.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 151/23

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Ġunju 2005

li tipprevedi t-tqegħid temporanju fis-suq ta' ċerti żrieragħ mill-ispeċi Pisum sativum, Vicia faba u Linum usitatissimum li ma jissoddisfawx il-kondizzjonijiet tad-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE jew 2002/57/KE rispettivament

(innotifikata taħt id-dokument numru C(2005) 1692)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/435/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żrieragħ ta' pjanti għall-għalf [1], partikolarment l-Artikolu 17(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żrieragħ ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 21 (1) tagħha,

Billi:

(1) Fil-Finlandja l-kwantità ta' żrieragħ disponibbli ta' piżelli (*Pisum sativa*), fażola (*Vicia faba*) u żerriegħa tal-kittien (*Linum usitatissimum*) li huma adattati għall-kondizzjonijiet klimatiċi nazzjonali u li jissoddisfaw il-kondizzjonijiet dwar kapaċità ta' ġelbin stipolati fid-Direttivi 66/401/KEE jew 2002/57/KE rispettivament mhix biżżejjed u għalhekk mhix adegwata sabiex tilħaq l-eżiġenzi ta' dak l-Istat Membru.

(2) Mhux possibbli li tintlaħaq b'mod sodisfaċenti d-domanda għaż-żrieragħ ta' dawn l-ispeċi permezz ta' żrieragħ minn Stati Membri oħrajn jew minn pajjiżi terzi b'mod li tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha stipolati fid-Direttivi 66/401/KEE jew 2002/57/KE rispettivament.

(3) Għalhekk il-Finlandja għandha tiġi awtorizzata li tippermetti t-tqegħid fis-suq ta' żrieragħ minn dawn l-ispeċi li jkunu soġġetti għal kondizzjonijiet inqas stretti għal perjodu li jiskadi fil-31 ta' Mejju 2005.

(4) Barra minn hekk, Stati Membri oħrajn irrispettivament minn jekk iż-żrieragħ inħasdux fi Stat Membru jew f'pajjiż terz kopert bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-ekwivalenza ta' l-ispezzjoniet ta' l-egħlieqi mwettqa f'pajjiżi terzi fuq ħxejjex li jipproduċu ż-żrieragħ u dwar l-ekwivalenza taż-żrieragħ prodotti f'pajjiżi terzi [3] li huma f'pożizzjoni li jfornu lill-Finlandja biż-żrieragħ ta' dik l-ispeċi, għandhom jiġu awtorizzati li jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' tali żrieragħ.

(5) Huwa xieraq li l-Finlandja taġixxi ta' koordinatur sabiex taċċerta li l-ammont totali ta' żrieragħ awtorizzat minn din id-Deċiżjoni ma jeċċedix il-kwantità massima koperta b'din id-Deċiżjoni.

(6) Il-miżuri stipolati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Żrieragħ u Materjal għall-Propagazzjoni fl-Agrikoltura, Ortikoltura u Foresterija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

It-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa tal-piżelli (*Pisum sativa*) u l-fażola (*Vicia faba*), li ma jissoddisfawx il-kondizzjonijiet minimi ta' kapaċità ta' ġelbin stipolati fid-Direttiva 66/401/KEE għandu jiġi permess, għall-perjodu li jiskadi fil-31 ta' Mejju 2005, skond it-termini stipolati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni u soġġetti għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) il-kapaċità ta' ġelbin għandha ta' l-inqas tkun dik stipolata fl-Anness għal din id-Deċiżjoni,

b) it-tikketta uffiċjali għandha tinkludi l-ġelbin aċċertat minn eżaminazzjoni uffiċjali li saret skond Artikolu 2(1)(Ca)(d) u 2(1)(Cb)(d) tad-Direttiva 66/401//KEE,

c) iż-żrieragħ għandhom ikunu diġà tqiegħdu fis-suq skond l-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-tqegħid fis-suq Komunitarju taż-żerriegħa tal-kittien (*Linum usitatissimum*), li ma tissoddisfax il-kondizzjonijiet minimi ta' kapaċità ta' ġelbin stipolati fid-Direttiva 2002/57/KE għandu jiġi permess, għal perjodu li jiskadi fil-31 ta' Mejju 2005, skond it-termini stipolati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni u soġġetti għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) il-kapaċità ta' ġelbin għandha ta' l-inqas tkun dik stipolata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni,

[1] ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/117/KE (ĠU L 14, 18.1.2005, p. 18).

[2] ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/117/KE.

[3] ĠU L 8, 14.1.2003, p. 10. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2003/403/KE (ĠU L 141, 7.6.2003, p. 23).

b) it-tikketta uffiċjali għandha tiddikjara l-ġelbin aċċertat minn eżaminazzjoni uffiċjali li tkun saret skond l-Artikolu 2(1)(f)(iv) u 2(1)(g)(iv) tad-Direttiva 2002/57/KE,

c) iż-żrieragħ għandhom ikunu diġà tqiegħdu fis-suq skond l-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Kull fornitur taż-żrieragħ li jixtiequ jqiegħdu fuq is-suq żrieragħ li jissemmew fl-Artikoli 1 u 2 għandhom japplikaw għall-awtorizzazzjoni mill-Istat Membru li jkun stabbilit jew li jkun qiegħed jimporta fih.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jawtorizza l-fornitur sabiex jqiegħed dik iż-żerriegħa fis-suq sakemm:

a) ikun hemm evidenza biżżejjed ta' dubji dwar jekk il-fornitur huwiex kapaċi jqiegħed fis-suq l-ammont ta' żrieragħ li għalih hu kien applika għall-awtorizzazzjoni; jew

b) il-kwantità totali awtorizzata għat-tqegħid fuis-suq skond id-deroga kkonċernata ma teċċedix il-kwantità massima speċifikata fl-Anness.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jassistu lil xulxin amministrattivament fl-applikar ta' din id-Deċiżjoni.

Il-Finlandja għandha tieħu r-rwol li tikkoordina lill-Istati Membri fir-rigward ta' l-Artikoli 1 u 2 sabiex taċċerta li l-ammont totali awtorizzat ma jeċċedix il-kwantità massima speċifikata fl-Anness.

Kull Stat Membru li jirċievi applikazzjoni skond l-Artikolu 3 għandu jinnotifika immedjatament lill-Istat Membru koordinatur dwar l-ammont kopert mill-applikazzjoni. L-Istat Membru koordinatur għandu jinforma immedjatament lill-Istat Membru notifikant dwar jekk l-awtorizzazzjoni tistax twassal biex il-kwantità massima tinqabeż.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw immedjatament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar il-kwantitajiet li fir-rigward tagħhom huma jkunu approvaw awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skond din id-Deċiżjoni.

Artikolu 6

Din id-Deċiżoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, nhar id-9 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Speċi	Tip ta' varjetà	Kwantità massima (tunellati)	Ġelbin minimu (% ta' żrieragħ puri)
Pisum sativum	Karita, Sunna, Perttu, Julia, Stok	30	70
Vicia faba	Kontu	10	70
Linun usitatissimum	Helmi	20	65